# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha, 24 ta' Frar, 2016

**Talba Nru: 768/15 DMA**

**Carmel sive Charles Mercieca (ID. 726152M) u AnneMarie (ID. 56375M)**

**Vs**

**Mark Micallef (ID. 223277M) u Claire Micallef (ID. 150076M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Settembru, 2015 fej nl-atturi talbu illi l-atturi akkwistaw il-fond bin-numru 15, Port Caraffa, Verdala Mansions, Triq Inguanez, Rabat, Malta minghand il-konvenuti fis-27 ta' Novembru, 2014;

Illi meta l-fond imsemmi gie muri mill-konvenuti lill-atturi qabel il-bejgh, dan kien jikkontjeni u jinkludi certu oggetti li dwarhom il-partijiet ftehemu li mal-bejgh se jithallew fil-fond, inter alia extension tat-telephone li kien imqabbad mal-intercom u speakers li kienu mwahhlin mal-art;

Illi pero', wara l-konsenja tac-cwievet lill-atturi mal-akkwist tal-fond in kwistjoni, l-atturi accede ghall-imsemmi fond u skoprew li l-konvenuti kienu fil-fatt nehhew dawn l-oggetti, bir-rizultat li l-atturi sofrew danni kif se jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;

Illi ghalhekk interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tad-danni sofferti, l-konvenuti baqghu inadempjanti;

Illi jigi rilevanti li l-ammont ta' danni sofferti ma jeccediex €3,000.

Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal (i) jiddikjara li l-atturi sofrew danni kawza tal-agir tal-konvenuti; (ii) jillikwida d-danni sofferi mill-atturi u (iii) jordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut debitmanet notifikat pprezenta risposta fid-9 ta' Ottubru, 2015 fejn eccepixxa:

1) Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici jezorbitaw il-kompetenza tat-Tribunal stante t-talba tirrigwarda kwistjoni ta' tresferiement ta' propjeta u ghalhekk mhux money claim.

2) Illi peress li t-Tribunal ghandu l-kompetenza li jisma money claims u f'dan il-kaz hemm talba ghall-hlas ta' ammont da liquidarsi, l-avviz huwa irritu stante li ghandu jigi in limine litis specifikat l-ammont mitlub.

3) Illi t-Tribunal mhux kompetenti li jisma talbiet dwar il-likwidazzjoni tad-danni. Talbiet quddiem dan it-Tribunal ghandhom ikunu esplicitament talb rigward ammont dovut u mhux jintalab illi ssir likwidazzjoni. Illi ghalhekk talba tar-rikorrenti hija nulla stante illi mhix talba rigward ammont dovut.

4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma mhumiex debituri tal-istess atturi fl-ebda ammont.

5) Illi din il-kawza giet intavolata mill-atturi wara li l-konvenuti kienu ghamlu kawza mghamulha mill-konvenuti dwar ammont dovut lilhom mill-atturi, liema kawza ghadha mhix deciza.

6) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti kienu kjarifikaw xkien ser jibqa u jinbiegh mal-appartament o meno, u l-atturi ghandhom jippruvaw id-danni li qed jallegaw li soffrew huma.

It-Tribunal semgha l-partijiet jixhdu fejn l-attur spjega dwar diversi affarijiet li sab nieqsa. Madanakollu t-Tribunal irid izomm mal-oggetti imsemmija fl-avvizz tat-talba u ghalhekk l-intercom u l-ispeakers.

It-Tribunal semgha lil konvenut jispjega dwar dawn iz-zewg oggetti. Fir-rigward tal-ispeakers il-konvenut kien staqsa lil attur jekk riedx li jhallihom hemm fil-post ghal prezz imma l-attur deher mhux interresat tant illi  lanqas waslu ghal prezz. Ghal din ir-raguni t-Tribunal ma jhossx illi ghandu jikkumpensa lill-attur talli biddel l-art biex ghatta t-toqob tal-ispeakers ghaliex dawn kien jaf bl-esistenza taghhom.

Fir-rigward l-intercomp gie spjegat illi dan ir-receiver li nstab nieqes ma jistax jigi replaced minhabba li biex isir hekk trid tinbiedel is-sistema kollha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jordna lil konvenut jirritorna immedjatament dan l-intier alia extension tat-telephone li jaqbad mal-intercom. Kemm il-darba dan ma jirritornahx u alura ghandu jikkumpensa lil-konvenut l-ammont ta’ mitt ewro (€100) bl-imghax sad-data tal-pagament.

Spejjez ghandhom jithallsu mill-attur.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**